**Laqgha Numru 06/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar il-Hamis 7 ta' Mejju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata kif kienet diga nfurmat minn qabel.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-30 ta' April 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2009.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha tal-lokalita' 2009.**

**04. Punti li johorgu mill-laqgha tal-lokalita' 2009.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2009/2010.**

**12. Ratifikazzjoni tal-Budget 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 05/K6/2009 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 03/K6/2009 item 2.04 u ghall-Minuti 02/K6/2009 item 12.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 01/2009 – Finger / Palm Reader** ghandha tigi analizzata minn persuna teknika qabel tittiehed decizjoni kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li kull membru tal-Kunsill li jaf b'xi persuna teknika f'dan il-qasam kellu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg immedjatament sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li jidher li ma kien hemm l-ebda membru tal-Kunsill li sar jaf b'xi hadd tekniku fuq dan is-suggett u ghalhekk qal li ser jikkomunika ma' persuna li ghamel l-installazzjoni ta' sistema simili izda akbar mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**,** il-kelliem qal li kien informa b'dan lill-kuntrattur li jaf huwa l'imma ghad ma ghandux risposta fuq dan.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.08 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 8.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir attivita' ghat-tfal ta' l-Iskola fejn dawn jigu mistiedna jkunu parti minn delegazzjoni (ghas-spejjez taghhom) sabiex izuru Wales u dan bhal ma diga kien sar fl-imghoddi, is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jaghmel din il-laqgha ma' MEUSAC rigward din l-attivita'.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.09 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 11.27 u 11.28 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li l-kumpanija AS Supplies kienu lesti li jissottomettu kwotazzjoni sabiex jissupplixxu habel dekorattiv (forma ta' festun) izda ghandhom bzonn ikunu jafu diversi dettalji fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qalet li ser tivverifika ma' Roccalumera, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata, dan is-suggett ghandu jithalla ghal meta tkun prezenti.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl li din il-materja ilha pendenti, meta jkunu ser jinhargu xi avvizi fil-gurnali, il-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet u tinkiteb ukoll ittra lil Roccalumera ghal ghajnuna.

2.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.12 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 11.59 rigward l-uniformijiet ta' l-impjegati tal-Kunsill fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-jiem li gejjien kien ser imur jara l-kumpaniji li jipprovdu l-uniformijiet ma' wahda mill-iskrivani minhabba l'issa ghadda hafna zmien u ma kien hemm ebda kuntatt mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kif ukoll fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li kien ser isib hin biex jakkumpanja huwa wahda mill-impjegati tal-Kunsill biex tintghazel l-uniformi, is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li s'issa dan kien ghadu ma sarx.

**46/1313/09/I**
11/03/2009

E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar id-dawl fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca informa lis-Sindku li kif ga spjegalu m'ghadhomx dipartiment izda jiffurmaw parti mill-Awtorita' tad-Djar u l-Awtorita' iddeciedew li xoghol

irid isir mill-Kunsill.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 6.69 u ghall-korrispondenza numru **46/1313/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandha ssir konferenza stampa fuq il-post rigward din il-materja u li jkunu nfurmati biha ukoll l-AKL, ir-residenti kif ukoll kull politiku li ghandu lil Pembroke bhala distrett tieghu halli kulhadd ikun jaf x'qed jigri, is-Sindku Joe Zammit qal li din ghandha issir fil-jiem li gejjien.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 13.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li hemm shade abjad fil-Gnien Jum Pembroke miksur u li sfortunatament m'hawnx bhala fis-suq u m'ghadux isir, is-Sindku Joe Zammit qal li ghandu jsir iehor minfloku li jehel mal-pole ezistenti ghalkemm qed jidher difficli li jinstab fitting simili.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2009 item 13.23 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill johrog cirkulari sabiex issir database ta' persuni li jkunu jixtiequ jippartecipaw fi programmi taz-zghazagh ta' l-EU, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din ghad trid issir.

**46/1879/09/I** 08/04/2009 E-mail minghand il-MEUSAC Lavinia Cassar fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mal-Kunsill baghtet informazzjoni fuq ENPI ghal progetti relatati mat-turizmu u baghtet informazzjoni ukoll fuq gemellagg.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 05/K6/2009 item 6.73 u ghall-korrispondenza numru **46/1879/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien informa lill-Kunsill li fil-laqgha li l-Kunsill kellu mal-MEUSAC fuq diversi fatturi, kien irrakkomandat lill-Kunsill biex jigbor lista ta' partners minn pajjizi tan-naha t'isfel tal-Mediterran (Algeria, Marokk, Tunezija, Palestina, Egittu, Izrael, Libja u Turkija) biex jippartecipaw ma' Pembroke fi programmi ta' l-EU minhabba li l-EU qed theggeg biex isiru dawn it-tip ta' progetti ma' dawn il-pajjizi bhala partners kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jinforma lill-ambaxxaturi ta' dawn il-pajjizi fuq din l-iskema, is-Sindku Joe Zammit qal li wara stharrig li ghamel jirrizulta li l-programm ENPI ma jghoddx ghall-Kunsill ghalissa.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2009.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha tal-lokalita' ghas-sena 2009 kif ipprezentati. **(Ara dokument A)**

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Laqgha tal-Lokalita' 2009.

4.01. B'riferenza ghall-Minuti tal-laqgha tal-lokalita' is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jgharbel sewwa l-kummenti li saru mir-residenti prezenti u jiehu nota ta' dawn il-kummenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 22/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghal Tender 02/2009 u Kwotazzjonijiet 4, 5 u 6/09.

**(Ara dokument B); Internal Memo 23/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mal-kumpanija Joe Micallef Travel vis-a-vis il-gurnata li ser issir ghal Sqallija **(Ara dokument C); Internal Memo 24/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 05/K6/2009 u 06/K6/2009 **(Ara dokument D); Internal Memo 25/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 05/K6/2009 u 06/K6/2009 **(Ara dokument E);** Flyer dwar kors dwar is-Sahha u s-Sigurta'. **(Ara dokument F);** Flyer dwar il-loghob tal-Uefa Champions League li ser jintwerew fil-Kunsill. **(Ara dokument G);** Flyer dwar mawra ta' gurnata ghax-xiri f'Catania. **(Ara dokument H) u** Flyer dwar attivita' li ser issir ghal Jum l-Omm. **(Ara dokument I)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-14 ta' April u s-7 ta' Mejju 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1927/09/I**
13/04/2009
Cirkulari mibghuta mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fejn baghtu table ghas-'Subsistence Allowance for Duty Travel Overseas'.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1927/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1935/09/I**
13/04/2009
E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-e-mail tas-Sindku dwar il-kuncert fit-Teatru Manoel informat lill-Kunsill li originarjament it-talba saret lill-Ministeru u mhux lill-Kunsill u ghandha tqajjimha fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

8.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1935/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1940/09/I**
13/04/2009
E-mail minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill fejn tlabna laqgha mas-Sur Joe Cassar informa l-Kunsill li lest li jiltaqa' maghhom nhar it-23 t'April 2009 fid-9.30am gewwa Cottonera Sports Complex.

**46/1955/09/I**
14/04/2009
E-mail minghand is-Sur Victor Camilleri ta' Pembroka Athleta Athletics Section fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Joe Cassar CEO tal-KMS kien hareg b'zewg proposti sabiex is-Sezzjoni taghti sapport fi progett 'Girls on the Move' u l-progett l-iehor Skola Sport ta' l-Atletika. Talab biex il-Kunsill jikteb ittra lil KMS sabiex tigi stabbilita' Pembroke Local Council Athletic School u fl-ahhar talab biex bhas-soltu nikkonfermaw li se naghtu donazzjoni ghall-maratona li saret fil-5 ta' April 2009.

8.04. B'riferenza għall-korrispondenza numri **46/1940/09/I u 46/1955/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal ukoll li l-laqgħa ma saritx f'din id-data u għalhekk talab biex il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli meta jkun jista' jagħti data oħra għal din il-laqgħa u ppropona ukoll li għal din il-laqgħa jkunu preżenti dirigenti ta' Pembroke Athleta.

8.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1945/09/I** 13/04/2009 Kwotazzjoni mingħand MAP 3 TV Productions sabiex isir 1,000 kopja ta' DVD fuq il-lokal għall-prezz ta' €4,500 eskluż il-VAT.

8.07. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/1945/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1946/09/I** 13/04/2009 Kwotazzjoni riveduta mingħand Reel8 Productions għal produzzjoni ta' 1,000 DVD fuq il-lokal.

8.08. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/1946/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1975/09/I** 15/04/2009 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn is-Sinjura Gemma Debono talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar żewġ paragrafi fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill 04/K6/2009 li saret fil-25 ta' Marzu 2009.

8.09. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/1975/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1978/09/I** 15/04/2009 E-mail mingħand il-Perit Anton Camilleri mid-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn bagħat kopja ta' l-e-mail li rċieva mill-Perit Alex Cutajar fejn talab biex nibgħatu site plan dettaljata u nindikaw il-partijiet tal-pavimentar li jridu jissewew f'Sit B.

8.10. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/1978/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg sabiex jibgħat reminder lill-Housing tal-periklu ta' dan ix-xogħol ħażin u jinżammu responsabbli għal x'inċident.

8.11. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit Alex Cutajar kien qed jitlob pjanta dettaljata tal-post, liema pjanta l-Kunsill m'għandux.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ittra u r-ritratti li diġa bagħat il-Kunsill huma biżżejjed u sta għall-Periti tad-Dipartiment li jiehdu ħsieb u jaraw x'hemm bżonn. Apparti minn dan il-kelliem qal ukoll li d-Dipartiment ser jinżamm responsabbli għal dak li jista' jinqala' minħabba xogħol li kien sar ħażin.

8.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1981/09/I** 15/04/2009 E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn bagħtu kopja ta' ċirkolari li rċievew mill-Mental Health Association dwar kors ta' tagħrif, tagħlim u għajnuna għall-familjari u qraba ta' persuni b'mard mentali.

8.15. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/1981/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1987/09/I** 15/04/2009 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn b'riferenza għall-ittra tal-Kunsill dwar assigurazzjoni u rimburżar ta' ħsarat informa l-Kunsill

li ma jistax jaghmel polza ta' assigurazzjoni hlief fuq dawk il-materji permessi bil-ligi kif stipulat fir-regolamenti dwar Kunsilli Lokali izda f'kaz ta' danni sofferti minn xi Kunsillier fuq propjeta' tieghu iridu jigu diskussa u decizi kaz kaz mill-Kunsill u kull kaz ghandu jsir rapport lill-pulizija.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1987/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2000/09/I** 16/04/2009 Ittra minghand l-AFM fejn qed jinformaw lill-Kunsill li fis-27 u 28 ta' April 2009 ser isir ezercizzju bl-esplossiv fir-Ranges ta' Pembroke.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2000/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2003/09/I** 16/04/2009 Stqarrija mid-DOI numru 0616 dwar il-prezentazzjoni li saret nhar l-Erbgha 15 ta' April 2009 tat-Tigdid tal-Kunsilli Lokali: 'Biex il-Kunsill Jaghtik l-Aqwa Servizz'.

8.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2003/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2008/09/I** 16/04/2009 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn baghtu l-iskeda finali tal-elezzjonijiet kif giet imhabbra fir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

8.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2008/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li issir laqgha pubblika ta' taghrif rigward ir-riforma tal-Kunsilli Lokali specjalment rigward id-delegi li ghandu l-Kunsill, il-voti finanzjarji l'inghata l-Kunsill kif ukoll ir-rotta gdida kif proposta mill-Gvern fir-riforma li qed ihejji. Il-kelliem qal li din ghandha ssir wara l-elezzjonijiet ta' l-MEP's.

8.20. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2011/09/I** 16/04/2009 **46/2357/09/I** 04/05/2009 E-mail minghand Dr. Mark Bugeja fejn b'riferenza ghall-approvazzjoni tas-servizz ta' tabib baghat lista ta' servizzi li lest li joffri u nforma l-Kunsill li bhala dati qed jissuggerixxi t-Tlieta u l-Gimgha bejn l-10.00am u l-11.00 am gewwa l-Kunsill.

8.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-offerta ta' Dr. Bugeja kienet ghadha qatt ma giet approvata mill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem xtaq ikun jaf kemm il-darba ser jinghata s-servizz, it-tul tal-hin ghal kull darba kif ukoll jekk dan is-servizz huwiex ser jinghata lill-anzjani biss jew lil kull min huwa ntitolat ghall-preskrizzjonijiet medici (karta safra/roza).

8.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2011/09/I u 46/2357/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi accettata l-offerta ta' Dr. Mark Bugeja li l-Kunsill jibda joffri dan is-servizz lill-anzjani tal-lokal kemm il-darba jinstab budget ghal din l-inizjattiva'.

8.24. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2014/09/I** 16/04/2009 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu l-formola tar-registrazzjoni, formola dwar id-delega tal-vot u l-formola dwar il-lukanda ghall-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki li ser issir bejn it-8 u 9 ta' Mejju 2009 gewwa Palace Hotel Sliema.

8.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2014/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2027/09/I** 17/04/2009 Ittra minghand il-Wise Owl Publications fejn informa l-Kunsill jekk hux interessati li nakkwistaw il-kotba li baghat ghall-prezz ta' €250 minflok €400.

8.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2027/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2034/09/I** 17/04/2009 Ittra minghand id-Direttorat ghal Servizzi Edukattivi d-Direttur Micheline Sciberras fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar hsara minn vetturi tat-trasport talbet lill-Kunsill jibghat is-suggerimenti tieghu sabiex jitressqu biex jigu evalwati mid-Direttorat u mir-rapprezentanti tas-sewwieqa u jekk tinstab soluzzjoni tkun tista' ssir laqgha.

8.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2034/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill Kunsill li fil-laqgha li kellu huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli mal-Kunsill skolastiku tqajmet din il-problema u li qajjem suggeriment il-Vici Sindku u ghalhekk qed iressaq ghan-nom tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li kien ippropona li titnehha l-bicca hamrija li hemm it-tul kollu mal-faccata ta’ l-iskola (fis-sit ta’ l-iskola stess) inkluz is-sigar li hemm li ma humiex lokali; issir bankina t-tul kollu biex b’hekk it-triq issir double u jinholoq circuit fuq wara biex il-coaches iduru f’din il-bicca u jigu wicchom il-barra. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat din il-proposta lid-Direttorat u li jekk finalment tigi accettata din il-proposta, ix-xoghol ghandu jsir mill-FTS jew mid-Divizjoni stess ghas-spejjez taghhom.

8.29. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2037/09/I** 17/04/2009 E-mail mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn talbu l-Kunsill jindika kemm ghandna bzonn hamrija ghal San Patrizju.

8.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2037/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li minn spezzjoni li saret fil-post jidher li hemm bzonn li tizdied filata wahda gebel mad-dawriet fejn intefa z-zrar halli mbaghad din timtela’ bil-hamrija. Is-Sindku Joe Zammit qal li kemm hemm bzonn hamrija ser ikun imkejjel fil-jiem li gejjien.

8.32. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li ahjar milli titpogga hamrija jigu nstallati play equipment ghat-tfal fil-fethiet li qed issir riferenza ghalihom.

8.33. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal li dan ghandu jsir meta jkun hemm fondi disponibbli u li n-nies ghandhom jigu nfurmati b’dan kif ukoll li l-gnien li qed isir fi Triq ANZAC qed isir mill-Gvern u mhux mill-Kunsill.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fis-6.05 pm wara li skuza ruhu li wasal tard.***

**46/2041/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand il-Kullegg ta’ Santa Klara fejn b'riferenza ghall-attivita' sportiva li ser issir nhar it-Tlieta 28 t'April 2009 baghtu lista ta' spejjez involuti u talbu l-ghajnuna tal-Kunsill kif ukoll talbu naghtuhom xi stickers jew affarijiet promozzjonali minbarra xi bnadar tal-Kunsill biex jittellghu.

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2041/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2044/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn talbu ssir laqgha mal-Kunsill dwar frodi ghax-xahar t'April 2009.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2044/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li minhabba li ma kienx hemm punti t'interess matul dan ix-xahar ma kienx hemm ghalfejn issir din il-laqgha.

**46/2048/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand Roccalumera fejn informaw lill-Kunsill bil-programm li jixtiequ jaghmlu waqt zjara li qed ihejju bejn id-29 ta' Lulju u s-6 ta' Awwissu 2009 ghall-grupp ta' Scouts.

8.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2048/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kellhom laqgha ma' St. Michaels Scouts fejn dawn ta' l-ahhar offrew il-premises taghhom minghajr hlas. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li s-Sur Martin Camillieri Scout Leader kien gie mitlub biex jikkomunika huwa stess ma' ta' Roccalumera fuq din l-inizjattiva.

**46/2050/09/I** 17/04/2009 Ittra minghand l-ASKLM dwar laqgha li saret ghas-Segretarji Ezekuttivi ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

8.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2050/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2058/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery fejn informaw lill-Kunsill li fix-xhur ta' Lulju/Awwissu ser jorganizzaw attivitajiet sportivi u talbu l-ghajnuna tal-Kunsill biex isiru kopji ta' leaflet u jitqassam fid-djar tal-lokal.

8.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2058/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jiprintja u jqassam dan il-leaflet fid-djar. **(Ara dokument J)**

8.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.42. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava ivvota kontra.

8.43. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/2061/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali s-Sur Oliver Lautier fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mieghu nforma l-Kunsill li dwar l-iskola ambjentali qed jistaqsi l-Kunsill x'hemm bzonn u dwar il-klabb tal-bocci s'issa ghad m'ghandu l-ebda risposta u dwar it-thawwil madwar Pembroke Athleta nforma l-Kunsill li jinsab fi stadju avvanzat.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2061/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li rigward in-nursery/ambjent il-Kunsill ghandu jinforma lill-Ministeru li l-Kunsill ghandu kwotazzjoni ghal servizz ta' masgar kif ukoll li hemm il-bzonn biex is-sit jiddawwar b'fence u ghalhekk ghandha ssir spezzjoni tas-sit indikat halli l-Ministeru jara x'hemm bzonn. Il-kelliem qal li naturalment kemm il-darba dan il-progett ikun ser jinbeda l-Kunsill ghandu jinforma lil dawk ir-residenti li kienu urew interess f'din l-inizjattiva u wara l'issir jigu mhajra ohrajn jinghaqdu maghhom.

8.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2063/09/I** 17/04/2009 E-mail minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery fejn talbu ittra mill-Kunsill fejn jinghad li l-Kunsill huwa favur il-pjanti emendati.

8.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2063/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-MEPA biex jappoggja dan il-progett.

8.48. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2081/09/I** 20/04/2009 Kopja t'ittra li giet ippubblikata fuq il-gurnal it-Torca ta' nhar il-Hadd 19 ta' April bit-titlu Triq tar-Ranges f'Pembroke imkissra f'dizastru.

8.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2081/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din it-triq tifforma parti minn propjeta' tal-AFM u ghalhekk bhal ma sar fl-imghoddi bejn il-Kunsill u l-Forzi Armati, il-Kunsill jipprovdi l-konkos u x-xoghol isir mill-Forzi Armati. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona biex isir komunikat mal-Forzi Armati f'dan is-sens kif ukoll li tinkiteb risposta fuq il-gurnal it-Torca.

8.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din it-triq m'hijiex ta' l-AFM izda propjeta' pubblika.

8.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit u zied li ghanda tohrog works order ghall patching fi Triq Juno u toroq ohra fl-akwati tal-barracks kif ukoll fejn rega' hemm bzonn madwar Pembroke.

8.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.54. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-Kunsill ghandu jkollu lista' ta' prijoritajiet tax-xoghol li hemm bzonn u eventwalment ix-xoghol isir skond din il-lista. Il-kelliem xtaq ukoll ikun jaf x'differenza hemm bejn il-bini mill-gdid tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima u dan il-patching bil-konkos.

8.55. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ispiza biex tippacja bil-konkos din it-triq ta' bejn ir-ranges tal-FAM hija ferm irhas milli ssir il-bankina msemmija mill-gdid bil-konkos. Il-kelliem qal li wara kollox tista' tistenna ghax m'hiex daqshekk fil-bzonn

8.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka ukoll li hemm postijiet f'Pembroke li lanqas biss hemm bankina u jekk hemm priorita' allura ghandhom isiru bankini fejn ma hemmx mill-budget ristrett li ghandu il-Kunsill.

**46/2082/09/I** 20/04/2009 Kopja ta' artiklu li deher fuq il-gurnal il-Mument ta' nhar il-Hadd 19 ta' April taht t-titlu Kunsill Lokali Pembroke - Tberbiq ta' flus il-poplu.

**46/2464/09/I** 07/05/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob aktar informazzjoni dwar il-gemellagg propost mal-belt ta' Anning.

8.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2082/09/I u 46/2464/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrispondi dan l-artiklu fil-jiem li gejjien halli l-Kunsill jara kif ser tisvolgi din it-talba tal-Kunsill ghal zjara fic-China halli jsir iffirmar ta' Patt ta' Hbiberija ma' Anning. Il-kelliem qal li l-ittra tad-Dipartiment ser tigi mwiegba ukoll.

8.58. Is-Sindku Joe Zammit talab il-permess tal-Kunsill biex iwiegeb lid-Dipartiment, fejn fil-prezenza tal-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ifformula l-ittra bhala risposta.

8.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.60. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava ivvota kontra.

8.61. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li jaqbel ma' l-ahhar kummenti tas-Sindku Joe Zammit fit-twegiba tieghu lid-Dipartiment fis-sens illi Kunsill ghandu jkollu fakulta li f'sena partikulari ma jonfoq xejn fuq gemellagg imma jghaddi l-vot ghas-sena ta' wara jekk ikollu programmat attivita kbira is-sena ta' wara

8.62. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.63. Is-Sindku Joe Zammit qal li jiddejjaq li jkun hemm kummenti f'gurnali partigjani biex jinfluwenzaw id-decizjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

***8.64. Fs-6.50 pm i-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/2083/09/I** 20/04/2009 — Ittra minghand il-Kamra tad-Deputati Dr. Stefan Buontempo fejn talab il-kummenti tal-Kunsill dwar il-kontenut tad-dokument 'Biex il-Kunsill jaghtik l-aqwa servizz'.

8.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2083/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2084/09/I** 20/04/2009 — Ittra minghand The Gozo Business Chamber dwar konferenza li ser jaghmlu fit-8 ta' Mejju f'Ghawdex bit-titlu Vision for the Development of the Island Region of Gozo.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2084/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2109/089/I** 20/04/2009 — E-mail minghand Reel8 Productions fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret dwar produzzjoni ta' DVD regghet baghtet il-kwotazzjoni finali emendata kif miftiehem maghha ghall-prezz totali ta' €2,180 eskluz il-VAT u talbet nikkonfermaw biex ikunu jistghu jipprocedu.

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2109/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba kif emendata u l-filming isir malajr kemm jista' jkun qabel ma jinxef kollox.

8.68. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2112/09/I** 20/04/2009 **46/2291/09/I** 28/04/2009 — E-mail minghand Malta Post fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-possibilita' ta' ftuh ta' sub post office fil-lokal ta' Pembroke sabiex taghti servizz fil-vicinanza.

8.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2112/09/I u 46/2291/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li filwaqt li fil-principju huwa jaqbel ma' dan is-servizz fl-istess hin ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob l'issir laqgha ma' din l-entita' privata halli l-Kunsill jara fiex jikkonsisti dan is-servizz u x'ser ikun id-dhul finanzjarju ghall-Kunsill.

8.71. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2122/09/I** 20/04/2009 Ittra minghand MEUSAC b'dettalji tal-Konferneza li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju bit-titlu 'Zooming on Sustainability'.

8.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2122/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li t-tifla tieghu Lydia volontarjament ghamlet il-prezentazzjoni tal-power point ghall-Kunsill. Il-kelliem qal li hija hadet madwar 9 sieghat biex sar dan il-power point.

**46/2131/09/O** 21/04/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lil St. Michael Scouts dwar programm li qed jipproponu l-iscouts ta' Roccalumera.

8.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2131/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2132/09/I** 21/04/2009 E-mail minghand it-TCTC fejn b'riferenza ghall-korsijiet ta' l-E-Tfal ghas-Sajf qed jissuggerixxi li l-kors isir b'kollaborazzjoni ma' Nursery ta' Pembroke u talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill ghall-printing u tqassim ta' leaflets li jiswa madwar €250 u li nigbru l-applikazzjonijiet il-Kunsill.

8.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2132/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2133/09/I** 21/04/2009 Memo 25/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Fondi specjali ghall-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali.

8.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2133/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2167/09/I** 22/04/2009 E-mail minghand United Automobile fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex juzaw l-Ex Parade Ground bejn il-15 u s-17 ta' Mejju 2009 biex isir test drive tal-karozza Opel Insignia u qed jistaqsu xi jrid isir biex jibbukkjaw is-sit u kemm huwa l-hlas.

8.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2167/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li waqt konversazzjoni tat-telefon l-organizzaturi kienu infurmawh li kienu lesti li jaghtu donazzjoni lejn il-komunita' qabel issir din l-attivita' kif ukoll li jiehdu hsieb jaghmlu l-affarijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu ma sahha u sigurta' ghal minn ikun qed isegwi dan l-avveniment. Il-kelliem qal li ghalhekk il-Kunsill ghandu jistenna twegiba ninnaha taghhom qabel jiprocedi.

**46/2162/09/I** 22/04/2009 Ittra minghand il-kumpanija Once Upon A Time jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar Summer School li ser jaghmlu fis-Sajf.

8.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2162/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jidher li dawn ghandhom ix-xewqa li jaghmlu din l-attivita' fil-konfini tal-Knisja u ghalhekk ghandhom jigu nfurmati biex it-talba taghhom issir lill-kappillan.

**46/2170/09/I** 22/04/2009 Ittra minghand Roccalumera jitolbu lill-Kunsill sabiex fi zmien jumejn jaghti risposta u jikkommetti ruhu li jippartecipa fi progett li ser jaghmlu f'Jannar 2010.

8.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2170/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li minhabba li ma kienx possibbli li jsir ix-xoghol kollu rikjest ghal din l-inizjattiva kif ukoll li jsir commitment ghal Jannar 2010 fi zmien jumejn, huwa kien informa lill-iskrivana sabiex jinfurmaw lil Roccalumera li l-Kunsill ma jistax jippartecipa f'din l-attivita'.

**46/2175/09/I** 23/04/2009 Ittra minghand l-avukat tas-sur Charles Cremona jitlob ghad-danni minghand il-Kunsill ghall-hsara li sofra fil-vettura tieghu kif ukoll minhabba dizabilita' fizika li sofra meta skond huwa kien hemm tappiera tas-sistema tad-dranagg li kienet imwahhla hazin u konsegwentament inqalet minn posta fi Triq il-Mediterran.

8.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2175/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din l-ittra ghaddiet mill-ewwel lill-avukat tal-Kunsill biex tkun diskussa mal-Kunsill.

**46/2189/09/O** 23/04/2009 Ittra li l-Kunsill baghat lill-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dwar ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku.

8.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2189/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2193/09/I** 23/04/2009 Risposta minghand id-Dipartiment ghall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita' jinfurmaw lill-Kunsill li l-informazzjoni provduta lill-Kunsill mid-Dipartiment ma tistax tinghata lil terzi persuni minhabba l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

8.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2193/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2194/09/I** 23/04/2009 Ittra minghand Eco Energy jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar prodott gdid li ghandhom – Power tube.

8.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2194/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir din il-laqgha.

8.84. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2198/09/O** 23/04/2009 Works Order lil J & K Contractors dwar irrangar ta' tarag li minn Triq Juno jaghti ghal Trejqet il-Beata Adeodata Pisani.

**46/2417/09/I** 23/04/2009 Kwotazzjoni minghand J & K Contractors ghall-manutenzjoni ta' tarag li hemm bejn Triq Juno u Trejqet il-Beata Adeodata Pisani ghall-prezz ta' €1,407.60.

8.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2198/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan ix-xoghol kellu jsir mil-ADT kwazi qabel l-elezzjoni generali tas-sena 2008 meta sar ix-xoghol madwar il-housing. Il-kelliem qal li minn dakinhar wegghu xi nies li nizlu minn dan it-tarag li tkisser (il-parti ta' isfel) mill-Kuntrattur u ghalhekk hemm bzonn li jitranga. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jidhirlux li l-Kunsill ircieva l-kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol rikjest qabel ma tkun approvata din il-works order. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jikkomunika mal-kumpanija J&K Contractors ghal din il-kwotazzjoni.

8.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-works order harget fuq approvazzjoni tal-Kunsill u li l-kwotazzjoni kienet saret.

***8.88. Fis-7.00 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' nghaqad fil-laqgha.***

8.89. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi accettata din il-kwotazzjoni.

8.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2224/09/I** 24/04/2009 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob informazzjoni minghand il-Kunsill dwar kif il-Kunsill bi hsiebu jsostni l-Gemellaggi u l-ftehim li ghandu ma' diversi lokalitajiet barranin inkluz dak propost ma' Citta di Maddaloni.

8.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2224/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2240/09/I** 24/04/2009 — Kwotazzjoni minghand Corinthia Hotels ghall-akkomodazzjoni tal-kumitat ta' l-ECAD bejn l-24 u s-27 ta' Settembru 2009 li se jhallsu huma.

**46/2258/09/I** 27/04/2009 — Kwotazzjoni minghand SAS Radisson Bay Point ghall-akkomodazzjoni tal-kumitat ta' l-ECAD bejn l-24 u s-27 ta' Settembru 2009 li se jhallsu huma.

**46/2279/09/I** 28/04/2009 — Kwotazzjoni minghand Westin Hotel & Resorts ghall-akkomodazzjoni tal-kumitat ta' l-ECAD bejn l-24 u s-27 ta' Settembru 2009 li se jhallsu huma.

**46/2280/09/I** 28/04/2009 — Kwotazzjoni minghand Topaz Hotel ghall-akkomodazzjoni tal-kumitat ta' l-ECAD bejn l-24 u s-27 ta' Settembru 2009 li se jhallsu huma.

**46/2291/09/I** 28/04/2009 — Kwotazzjoni minghand Intercontinental Hotel & Resorts ghall-akkomodazzjoni tal-kumitat ta' l-ECAD bejn l-24 u s-27 ta' Settembru 2009 li se jhallsu huma.

8.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2240/09/I, 46/2258/09/I, 46/2279/09/I, 46/2280/09/I u 46/2291/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jidher li l-orhos offerta hija ta' Topaz Hotel. Is-Sindku Joe Zammit qal li naturalment il-prezzijiet ta' dawn il-lukandi ghandhom jintbaghtu lill-ECAD kif ukoll kopja lill-Onor. Dr. Chris Said li mieghu qed issir din l-inizjattiva. Il-kelliem qal li l-ghazla finali ghandha tithalla f'idejhom la ser ihallsu huma. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li ECAD jaghmlu din il-laqgha preparatorja.

8.94. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2246/09/I** 27/04/2009 — Ittra minghand il-Patrijiet Dumnikani tal-Kunvent ta' Fatima jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill billi jekk il-Kunsill ghandu xi bankijiet li ser jiddisponi minnhom, jinghataw lilhom sabiex jitpoggew fi Gnien li qed jirrangaw il-Kunvent.

8.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2246/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2252/09/I** 27/04/2009 — Kwotazzjoni minghand Kompakt Trading Ltd. ghal A4 laminator u heavy duty electric binding machine.

8.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2252/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2262/09/I** 27/04/2009 Memo 26/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Kuntratt gdid dwar gbir ta' skart organiku.

8.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2262/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dan il-kuntratt ghandu jinhareg fi zmien opportun.

8.99. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.101. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-membri tal-Kunsill biex jiflu sewwa l-kundizzjonijiet il-godda kif indikati fil-kuntratt li qed jigi propost.

**46/2277/09/I** 28/04/2009 Kwotazzjoni minghand MED Dev., Des. & Cons. Ltd. ghall-provvista u twahhil ta' 3 lampi tad-dawl fi Triq il-Mediterran kif approvat mill-Korporazzjoni Enemalta.

8.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2277/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn jigu ordnati.

8.103. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tehel lampa fi Triq Manuel Buhagiar faccata tad-dar numru 15.

8.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.105. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li r-residenti li kienu gew avvicinati fl-istess Triq biex tahel lampa mad-dar taghhom jew kienu oggezzjonaw jew qatt ma wiegbu.

**46/2289/09/I** 28/04/2009 Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Libreriji Pubblici jinforma lill-Kunsill li l-imputjar ta' data fuq kompjuter dwar kotba godda hija responsabilita' tal-librar.

8.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2289/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-librar ghandu jigi nfurmat b'dan.

8.107. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan diga sar.

**46/2293/09/I** 28/04/2009 Ittra minghand il-MEPA jitolbu l-kummenti tal-Kunsill dwar applikazzjoni PA 0014/09 fejn l-applikant qed jitlob li tinbidel il-linja ta' zvilupp biex jigi sanzjonat zvilupp li kien ghamel u li mhux skond il-linja ta' l-izvilupp.

8.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2293/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li l-izvilupp ma harigx fuq il-bankina pubblika u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba ta' dan is-sinjur minhabba li dan kompitu tal-MEPA u mhux tal-Kunsill.

8.109. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2294/09/I** 28/04/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob informazzjoni minghand il-Kunsill dwar kemm gew mislufa kotba mill-librerija tal-lokal.

8.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2294/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2307/09/I** 29/04/2009 — Memo 27/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Hinijiet tal-laqghat tal-Kunsilli Lokali.

8.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2307/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2308/09/I** 29/04/2009 — Ritratt minn persuna li marret toqghod Bergen fil-Germanja dwar tabella tal-lokalita' li tindika l-isem ta' Pembroke bhala lokal li ghandhom relazzjonijiet mieghu.

8.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2308/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Kunsill ta' Bergen kif ukoll li jsir komunikat ma' din il-persuna u nirringrazzjawha ta' l-interess taghha fil-lokal.

8.114. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.115. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.116. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li r-resident koncernat diga gie kkuntatjat u rringrazzjat. Rigward il-ftehim ma' Bergen il-kelliem informa lill-Kunsill li dan qatt ma' gie ffirmat u ghalhekk kemm il-darba dan isir ghandu bzonn l-awtorizazzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/2319/09/I** 29/04/2009 — Memo 28/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bi skemi dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award.

8.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2319/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.118. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jkun ghaqli li l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi u dan fid-dawl tax-xoghol li qed jaghmel il-Kunsill sabiex kemm fl-ufficcju amministrattiv kif ukoll f'zoni pubblici jintuzaw lampi li ma jahlux dawl.

8.119. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li Kunsill Lokali Pembroke jara kif jista' jippartecipa.

8.120. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.121. Il-Kunsill qabel unanimament.

*8.122.* ***Fis-7.15 pm il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/2320/09/I** 29/04/2009 — Ittra minghand Heritage Malta joffru ktieb minghajr hlas lill-Kunsill bl-isem Rotot Merkantili u Bliet kummercjali fil-Mediterran.

8.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2320/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jigbor dan il-ktieb.

8.124. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan il-ktieb kien diga ngabar.

**46/2329/09/I** 30/04/2009 — Ittra minghand il-Forzi Armati ta' Malta jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar l-ittra tal-Kunsill fejn saret oggezzjoni ghall-ezercizzju li l-AFM kienu qed jaghmlu fil-lokal.

8.125. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2329/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2338/09/I** 30/04/2009 — Newsletter minghand l-AKL dwar ir-riforma tal-Gvern lokali u suggetti

ohra.

8.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2338/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2341/09/I** 30/04/2009 Ittra minghand Ghislaine Mermillod titlob il-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex kif sar fis-snin li ghaddew, zewg tfajliet francizi jaghmlu bejn it-28 ta' Settembru u s-16 ta' Ottubru 2009 bhala zmien ta' tahrig fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

8.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2341/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li biex bhal ma sar fis-snin li ghaddew il-Kunsill jerga' jospita lil dawn l-istudenti.

8.128. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.129. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2345/09/I** 30/04/2009 Ittra minghand l-AKL dwar l-assigurazzjoni fuq flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali ghall-perjodu 01/05/09 sa 31/12/09 ghall-prezz ta' € 42.00.

8.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2345/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill igedded din l-assigurazzjoni.

8.131. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2364/09/I** 04/05/2009 Ittra minghand il-Perit David Vassallo ta' l-ADT fejn informa lill-Kunsill li tow zones ikunu approvati mill-pulizija.

8.133. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2364/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2381/09/I** 05/05/2009 Sett ta' pjanti minghand il-Klabb ta' Pembroke Athleta dwar Phase 3 ta' Sports Ground.

8.134. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2381/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2383/09/I** 05/05/2009 Dokument mibghut mis-Supretendent Sharon Tanti mill-Ghassa ta' San Giljan dwar ir-Regoli ta' parkegg ta' vetturi, trailers u containers.

8.135. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2383/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' din il-korrispondenza ghandha titpogga fl-ufficcju tal-Kunsilliera.

8.136. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.137. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.138. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan kien diga sar.

**46/2391/09/I** 05/05/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-iskema ta' sahha ghall-haddiema klerikali, Sindku u Kunsilliera.

8.139. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2391/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill igedded din l-iskema inkluz lill-membri eletti tal-Kunsill.

8.140. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.141. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

8.142. Il-Mozzjoni ghaddiet.

8.143. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa kien ivvota kontra minhabba li qed joggezzjona ghat-trattament li nghata minn din il-kumpanija u kompla qal li jekk il maggoranza tal-Kunsill ikunu membri huwa ukoll ghandu jkun kopert b'din il-polza.

**46/2396/09/I** 05/05/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghtu l-minuti tal-laqgha tas-Sindki li saret fit-13 ta' Marzu 2009 gewwa Ghawdex.

8.144. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2396/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2400/09/I** 05/05/2009 Memo 30/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar proceduri u obbligazzjonijiet relatati ma' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2009.

8.145. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2400/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm kummenti ghajr li gew riferuti ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha li kien hemm.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku jinforma lill Kunsill li sal-laqgha li jmiss iressaq il-programm ta' l-attivitajiet ta' Jum Pembroke kif ukoll li nhar l-20 ta' Mejju 2009 ser isir Coffee Morning ta' Jum l-Omm.

10.02. Rigward il-korsijiet tal-krafts il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir laqgha ghal dawk li kienu applikaw.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2009/2010.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill il-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2008/2009 kif preparati mill-Accountant tal-Kunsill. **(Ara dokument K)**

11.02. **Fis-7.45 pm, wara xi rimarki li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel diretti lejn is-Sindku Joe Zammit u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, talab li jigi skuzat u halla l-kamra.**

11.03. **Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Financial Statements ghandhom ikunu approvati qabel l-10 ta' Mejju 2009.**

11.04. **Minhabba li ma kienx hemm quorum il-laqgha giet sospiza u s-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ser titkompla fil-jiem li gejjien minhabba l-bzonn li jigu approvati l-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2008/2009.**

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**

**Laqgha Numru 06/K6/2009 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sitt Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li tkompliet nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsiliera Lauro Fava u Joe Brincat kienu skuzati.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-30 ta' April 2009. It-tkomplija ta' l-Agenda kienet:

11. **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2009/2010.Ratifikazzjoni tal-**
12. **Budget 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.**
13. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
14. **Materji Ohra.**

## 11. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2009/2010.

11.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill il-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2008/2009 kif preparati mill-Accountant tal-Kunsill. **(Ara dokument K)**

11.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dokument jigi approvat kif ipprezentat.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Ratifikazzjoni tal-Budget 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.

12.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill id-dokument tal-Budget ghas-sena 2009/2010 u l-Business Plan ghas-snin 2009/2012 kif emendati wara l-gheluq tas-sena finanzjaraja 2008/2009. **(Ara dokumenti L u M)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dokumenti jigu approvati kif ipprezentati u dan wara li ma kienx hemm bzonn ta' tibdil wara l-laqgha tal-lokalita'. Il-kelliem qal ukoll li fil-laqgha tas-sindki li saret fil-jiem li ghaddew il-fencing tal-fondi huwa konness maz-zamma u l-manutenzjoni tat-toroq u t-tindif fil-lokal.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument N, O, P u Q)**

13.02. B’riferenza ghall-kontijiet s-Sindku Joe Zammit vis-a-vis il-mawra li ghamel f’Vilnius, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha numru 16/K6/08 li saret nhar l-20 ta’ Novembru 2008 il-Kunsill fin-nuqqas tal-prezenza tas-Sindku Joe Zammit kien oggezzjona ghal din il-mawrau sussegwentement fil-laqgha riferenza 01/K6/09 li saret fit-28 ta’ Jannar 2009 l-Kunsill kien accetta t-talba tas-Sindku Joe Zammit li jattendi u jirraprezenta lill-lokal f’din il-Konferenza kemm il-darba din ma kienet ser tiswa xejn lill-Kunsill.

13.03. Is-Sindku Joe Zammit, li qal li mhux normali li l-Kunsill jiddeciedi xi haga fin-nuqqas ta’ dik il-persuna li tkun involuta, qal li huwa kien lest li jnaqqas l-ammont ta’ € 144.00 mit-talba tieghu liema ammont huwa dovut ghal lejl li hallas li ma giex kopert mill-organizzaturi (kif kienu weghdu fil-bidu) izda qal li huwa jhoss li ghalkemm kien intqal li l-Kunsill ma kellu johrog xejn, ma jghamilx sens li  li l-ikel u x-xorb li nefaq matul il-jiem li ghamel hemm ihallashom minn butu ukoll u ghalhekk qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jithallas ta’ dawn.

13.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li diskussjoni dwar din it-talba ghandha tithalla ghal darb’ohra meta jkunu prezenti l-membri kollha tal-Kunsill.

13.05. is-Sindku Joe Zammit qal li ma jarax ghalfejn ghandu jaghmel dan ghax Kunsill jista’ jiddeciedi issa u ghalhekk qed jerga’ jitlob ghal sekondant.

13.06. Kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat insistew biex din il-materja tithalla ghall laqgha ohra.

13.07. Hawn is-Sindku Joe Zammit irrimarka li Kunsill bil-prezenza ta’ tlett membri eletti fil-passat ha numru ta’ decizjonijiet u b’dispjacir iddikjara li kien ser jirrinunzja ghat-talba tieghu ghax qal li jidher li kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma kienux qed jaqblu mieghu li jiehu dan ir-rimburzar.

13.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta’ Sit B San Gorg u t-talba tieghu ghar-rimburzar  ta’ €230.97. Rigward id-dawl ta’ Sit B il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jerga jikteb lill-Korporazzjoni  Enemalta li dan il-konsum mhux delega tal-Kunsill li jhallas ghal dawl pubbliku.

13.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.01. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kontijiet ta’ l-SLRMS tal-kumpanija MED Developers, Designers & Consultants kienu gholew sostanzjalment minn € 26.93 ghal € 60.48 fix-xahar minhabba li kien hemm xi Kunsilli li rtiraw mill-kumitat kongunt tan-NHDJC.

## 14. Materji ohra.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistenna dwar l-uzu tas-Sala ta’ l-iSkola Primarja Bice Mizzi Vassallo sakemm il-bini jitbattal u jkun hemm xi entita’ ohra tokkupa s-sit.

14.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li zghazagh minn Wales jigu mistiedna jaghmlu camping fil-lokal ghas-spejjes taghhom

14.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li kull fondi minfuqa jkollhom jinhargu mill-vot tal-gemellagg.

14.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli stqarr li attivita' simili mhux ser tiswa flus lill-Kunsill ghajr ftit Euros.

14.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat il-proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

14.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Mrs. Giordano Rita kienet infurmatu li sabiex jissewwew numru ta' qtates li hemm St. Andrews House u f'postijiet ohra mal-lokal hija kienet qed titlob hlas ta' € 10.00 ghal kull qattus.

14.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li tittiehed decizjoni darb'ohra. Il-kelliema qalet li taf b'xi NGO Germanizi li qed jaghmlu xi progett li jigbru qtates abbandunati. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ser tipprova tikseb aktar informazzjoni u tirreferi lura lill-Kunsill.

14.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-kumpanija J & K Contractors sabiex terga' ssir iz-zebgha hadra tal-pavimentar ta' quddiem Blokk 1, Triq il-President Anton Buttigieg.

14.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill fejn ser ikunu l-postijiet fejn ser isir recording mill-kumpanija Reel 8 vis-a-vis id-DVD li ser jipproducu ghall-Kunsill.

14.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan il-filming ghandu jsir wara Novembru li gej minhabba l'issa l-haxix kollu niexef.

14.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jingabru kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 200 flok bil-logo tal-Kunsill fuqhom.

14.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li tingabar kwotazzjoni minghand il-kuntrattur tal-Kunsill sabiex tigi rrangata l-art tal-konkos li hemm madwar St. Andrews House.

14.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li tixtieq turi d-dispjacir taghha li l-laqgha tal-Kunsill saret meta hija kienet diga nfurmat lill-Kunsill li kienet ser tkun l-isptar u l-laqgha saret xorta anke meta hija kienet barra minn Malta. Il-kelliema innotat li meta s-Sindku Joe Zammit kien imsiefer il-laqgha ma saretx izda fil-kaz taghha ma sarx posponiment u ghalhekk qalet li thoss li qed issir diskriminazzjoni.

14.25. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien irrisponda lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat b'e-mail rigward il-kummenti taghha.

14.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ser tibghat lill-Kunsill rapport dwar dak li ghamlet f'Roccalumera fil-gimgha li ghaddiet. Il-kelliema pproponiet ukoll li t-tornament tal-futbol li kien sar f'Roccalumera s-sena li ghaddiet ghandu jigi organizzat f'Malta f'Settembru 2009 b'kollaborazzjoni ma' Pembroke Athleta Football Club.

14.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li jekk din l-attivita' hija parti minn gemellagg, kull spejjez ghandhom jinhargu mill-vot tal-gemellagg.

14.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

14.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ihallas ghall-biljett ta' l-ajru ghall-mawra li hija kellha f'Roccalumera fejn skond hija kienet mistiedna sabiex taghmel numru ta' lezzjonijiet bl-ingliz lill-istudenti taljani.

14.31. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill m'ghandu xejn ufficjali dwar din il-mawra/stedina. Il-kelliem qal li ghal dan il-ghan il-Kunsill ghadu ma jaf b'xejn u ghalhekk it-talba ma tistax tigi milqugha.

14.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija kienet irceviet ittra fil-Kunsill li waslet bil-posta li titratta din l-inizjattiva u li kienet infethet mis-Sindku Joe Zammit, liema kaz qalet li dwarhu kienet lesta li tiehu passi bil-Pulizija ghax qalet li thoss li hadd m'ghandu dritt jiftah korrispondenza indirizzati lillna.

14.33. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat thoss li trid tiehu passi bil-Pulizja fil-konfront tieghu ghax fetah ittra ndirizzata lill-Kunsillier ma kienx ser izommha. Il-kelliem informa lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li dejjem hekk sar mil-ittri la jkunu ndirizzata lill-Kunsilliera u rigward dan kien ser jikteb lid-Dipartiment ghall gwida biex jekk mhux suppost jinfethu ittri dan ma jergax issir. Fl-istess hin is-Sindku Joe Zammit irrimarka lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar x'zamma milli tipprezenta lill-Kunsill din l-ittra li qed tghid fiha stedina biex il-Kunsill ikun jista' jiehu decizjoni.

14.34. Wara diskussjoni li saret u peress li ma kienx hemm sekondant ghat-talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ser tressaq it-talba taghha fil-laqgha li jmiss.

14.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza dwar il-boroz il-grizi fejn qalet li l-Kunsill kien iddecieda li jipprovdi minnhom minghajr hlas lir-residenti, liema decizjoni qatt ma giet attwata. Il-kelliema qalet li l-Kunsill ghandu jkollu l-flus ghal dan is-servizz.

14.36. Is-Sindku Joe Zammit qal l-Kunsill qabel li jinghata dan is-servizz wara li jkunu ngabru l-kwotazzjonijiet. Il-kelliem qal li bl-argument tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kieku dan is-servizz jqum milljun ewro ghax il-Kunsill qal iva allura dan ghandu jsir. Il-kelliem fakkarli meta l-Kunsill hareg l-offerta ma kien applika hadd u l-Kunsill kien approva li ma jergax johrog sejha ohra.

14.37. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jergghu jingabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinghata dan is-servizz

14.38. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ghandu jsir jekk jippermettu il-finanzi tal-Kunsill.

14.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghti minghajr hlas parking dial lil kull familja fil-lokal.

14.42. is-Sindku Joe Zammit qal li din l-inizjattiva ghandha tkun inizjattiva tar-resident u mhux tal-Kunsill

14.43. Minhabba li ma kienx hemm sekondant il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ser terga' tressaq din it-talba f'laqgha ohra.

14.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li jiddispjaciha li l-Kunsill jidher l'issa qed iqajjem sufu kontra taghha meta f'ebda cirkulari li l-Kunsill jibghat lir-residenti ma jkun hemm isimha fuqha l'anqas fejn ikunu attivitajiet li jkunu taht id-dikasteru taghha. Il-kelliema qalet li jista' jaghti l-kaz li dan qed jigri minhabba li hija f'minoranza fil-Kunsill.

14.45. is-Sindku Joe Zammit serrah ras il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li mhux dak kien il-kas. Anzi qed jinforma lis-segretarju biex meta jkun hemm laqghat jew iridu jsiru laqghat ghandu jkun infurmat il-Kunsillier responsabbli minn dak id-dekasteru apparti is-Sindku halli jghati il-gurnmata u hin tal-laqgha.

14.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li kull meta jkun ser jorganizza xi haga approvata mill-Kunsill huwa jikkomunika mas-Sindku Joe Zammit u jara' li bil-permess tieghu jitnizzel id-dekasteru tieghu u jidher ismu jew firma.

14.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat minn patching li qalet sar hazin fi Triq Burma u Triq Alamein.

14.48. Is-Sindku Joe Zammit fakkar li dan ix-xoghol sar fi zmien meta kien hemm hafna maltemp u minhabba ilmenti persistenti ma setax isir kif isir is-soltu meta it-temp jippermetti u jkun sabih. Il-kelliem qal li ebda patching ma jkun 100 fil 100 tajjeb meta jsir f'emergenza u temp ta' xita kontimwa.

14.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li kien wasal ilment ghand il-Kunsill minghand diversi familji li joqghodu site B dwar il-familja li toqghod Blk 12B, Flat 5, Triq Pietro Rossell, liema familja qeghdin jonxru l-hwejjeg taghhom mill-gallariji ghal fuq barra.

14.50. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir ittra u tintbaghat lill-blokk kollu.

14.51. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk kienx wasal iz-zmien li l-Kunsill jikteb formalment lill-Onor. Ministru Dolores Cristina dwar jekk id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kienx lest li jospita l-librerija tal-lokal u ghalhekk tkun trasferita mill-Kunsill u dan vis-a-vis decizjoni li ha l-Kunsill biex isir computer lab fil-Kunsill.

14.54. Wara diskussjoni mqanqla, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-librerija ghandha tibqa' fil-Kunsill fid-dawl ukoll tar-riforma tal-Kunsill Lokali li l-Kunsill ser ikun jista' jaghmel uzu mill-facilitajiet ta' l-iskejjel statali wara l-hin ta' l-iskola.

14.55. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal li ghalhekk jista' jaghti l-kas li kompjuter lab isir fl-iskola gdida jew anke fil qadima la darba niltaqghu ma minn se jkun qed imexxi/juza l-iskola il-qadima.

14.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lis-sur Julian Spiteri tal-Garden View vis-a-vis id-donazzjonijiet ta' bankijiet bl-imwejjed li rcieva l-Kunsill.

14.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li tinkiteb ittra ukoll lis-sur Charles Cesare minhabba li dawn gew wara l-intervent tieghu.

14.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta Flyer dwar l-attivita' konnessa mal-Finali tal-UEFA Champions League **(Ara dokument R )**

14.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li l-Kunsill jitlob kjarifika minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax johrog flus jew jissussidja attivita' sabiex jaghmel attivita' ghar-residenti kif ukoll attivitajiet ohra ta' matul is-sena Il-kelliem ippropona ukoll li ssir l-attivita' konnessa mal-Finali tal-UEFA Champions League kif ukoll li tintalab kontribuzzjoni ta' €3 minghand kull min jattendi.

14.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.63. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta Flyer informattiv. **(Ara dokument S)**

14.64. Wara diskussjoni li kien hemm Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonaw ghall-partijiet mill-flyer informattiv fejn hemm kummenti dwar il-gbir tal-Bulky Refuse.

14.65. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ghalkemm il-Kunsill kien approva li jingabru sa 5 items biss; liema proposta saret meta hija ma kienetx presenti ghal-laqgha, infurmat lill-Kunsill li hija ma taqbilx li jingabru 5 items biss bhala bulky refuse fix-xahar minghand kull familja.

14.66. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li anke huwa kien kontra waqt id-diskussjoni li jingabru 5 items biss ghax ihoss li dan se jwassal biex ikun hawn rimi ta' affarijiet madwar Pembroke.

14.67. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan sar minhabba t-tnaqqis fid-delega finanzjarja taht Bulky Refuse kif ukoll minhabba fencing ta' voti inhasset il-htiega li jsir kontroll u ghalhekk kien ivvota favur. Il-kelliem qal li huwa kien qed jirriserva id-dritt li jerga jipproponi biex jizdied il-gbir jekk jara li s-servizz huwa detrimentali ghal indaf madwar Pembroke.

14.68. Il-laqgha ntemmet fit-8.15 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 20 ta' Mejju 2009 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |